**Nomina ta' John Spiteri bħala**
**Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-Kroazja u s-Slovenja**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandhom quddiemhom iż-żewġ pajjiżi li inti ġejt nominat sabiex tkun ir-rappreżentant ta' Malta għalihom u ċjoè l-Kroazja u s-Slovenja?**

Is-Slovenja u l-Kroazja huma żewġ pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant marbutin bil-kundizzjonijiet li jeżistu fi ħdan din il-komunità.

Bħal Malta dawn jissejħu pajjiżi żgħar, li għandhom aċċess għall-baħar, iżda li wkoll għandhom fruntieri tal-art kemm bejniethom kif ukoll ma' pajjiżi oħra. Dawn ukoll għandhom problema bl-immigrazzjoni, mhux tant mill-baħar iżda ħafna aktar mill-art. Għandhom ukoll ekonomiji li qed jiżviluppaw, iżda għandhom numru konsiderevoli ta' persuni li m'għandhomx xogħol. Minħabba dan il-fatt numru konsiderevoli ta' persuni jemigraw lejn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, speċjalment lejn l-Awstrija. Din minnha nfisha toħloq problema għall-fatt li ħafna minn dawn l-immigranti huma nies ta' skola, u għalhekk qed jinħoloq *brain drain* li jkompli jgħarraq is-sitwazzjoni. In-nuqqas ta' xogħol jaffettwa l-mod ta' kif wieħed jgħix u ta' dak li jissejjaħ *standard of living*.

Il-popli ta' dawn il-pajjiżi ma jikkunsidrax l-immigrazzjoni bħala problema, iżda l-gvernijiet għandhom tħassib serju dwar din il-problema. Meta l-Ungerija għalqet il-fruntiera mal-Kroazja, influss qawwi ta' immigranti invadew kemm il-Kroazja kif ukoll is-Slovenja. Dan ħoloq problemi kbar ta' fejn ser jinżammu u ta' kif se jitħallew jitilqu lejn pajjiżi aktar sinjuri fl-Ewropa. F'dan il-kuntest insibu l-Kroazja tipprotesta mal-Ungerija u s-Slovenja li kultant tissospendi l-ferroviji fuq il-fruntiera mal-Kroazja u tikkunsidra li tibni ħajt matul din l-istess fruntiera.

Iż-żewġ pajjiżi għandhom l-isfida li jieħdu l-ambjent majestuż tagħhom sabiex ikunu jistgħu jilqgħu fosthom numru dejjem akbar ta' turisti. Għandhom ħafna x'joffru f'dan il-kamp. Minbarra l-baħar u x-xemx, għandhom xtajtiet kbar, speċjalment fuq in-naħa tal-Kroazja, filwaqt li fuq in-naħa tas-Slovenja hemm ħafna ħdura. Kemm is-Slovenja kif ukoll il-Kroazja għandhom il-muntanji li jattiraw sew lit-turisti.

Sfida oħra taż-żewġ pajjiżi hi dik tal-kummerċ. Il-ħolqien ta' negozji kbar u żgħar sabiex tkun tista' tikber l-ekonomija permezz tal-ħolqien tax-xogħol.

F'dan ir-rigward ma jistax wieħed ma jsemmix l-edukazzjoni, speċjalment dik terzjarja li permezz tagħha jinħoloq il-*personnel* kapaċi li jiggwida u jmexxi, kif ukoll fiż-żminijiet tal-lum, wieħed ma jistax iħalli barra l-użu tat-teknoloġija u l-gwadann li jista' jinħoloq permess tagħha.

**2. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament li huma Ewropej, membri tal-UE bħalna u huma meqjusa bħala żgħar bħalna?**

Rabtiet ekonomiċi u kummerċjali

Malta, kemm mal-Kroazja kif ukoll mas-Slovenja għandha rabtiet ekonomiċi u kummerċjali permezz ta' trattati li kienu ffirmati snin ilu, wara li dawn il-pajjiżi ġew stabbiliti lura fis-snin disgħin.

Dawn il-protokolli kienu diskussi bejn il-Kamra tal-Kummerċ Maltija u l-Kamra tal-Kummerċ Kroata, jew mal-Kamra tal-Ekonomija tas-Slovenja. L-aħħar ftehim kien dak li sar mal-Kroazja waqt iż-żjara li kienet immexxija mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta fi Frar ta' din is-sena, fejn ġew diskussi opportunitajiet ta' *business* ma' aktar minn ħamsin imprenditur Malti.

Fl-opinjoni tiegħi, dawn ir-rabtiet għandhom jiġu msaħħa u megħjuna sabiex il-kummerċ Malti jinfirex fuq id-diversi oqsma ta' xogħol, speċjalment dak maħdum mid-diversi *Small and Medium Enterprises* (SMEs).

Rabtiet politiċi

F'din l-isfera, Malta wkoll għandha diversi trattati ma' dawn il-pajjiżi. Malta għandha diversi relazzjonijiet bilaterali frott ta' numru ta' żjarat mill-ogħla awtoritajiet. Jeżistu trattati dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tan-narkotiċi u sustanzi simili, kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, kif ukoll trattati dwar il-kultura u l-edukazzjoni xjentifika.

Iż-żewġ pajjiżi bħal Malta huma membri tal-Unjoni Ewropea, u jien nemmen li fost il-membri ta' l-istess familja għandu dejjem ikun hemm ftehim. Għandna dejjem infittxu dak li hu komuni u nżommu djalogu miftuħ fuq dak li dwaru għandna opinjoni diversa. Għandna dejjem inħarsu lejn il-protokolli tal-UE sabiex inkunu ta' sostenn għal xulxin fid-diversi problemi, li jinqalgħu minn żmien għal żmien, kemm bejnietna kif ukoll mal-membri l-oħra tal-Unjoni.

Rabtiet soċjali

Fiż-żjara li saret fi Frar li għadda laqatni l-ftehim li sar mal-Kroazja dwar ir-riċerka fuq il-marda tal-kanċer bejn l-Università ta' Malta (RIDT tal-Community Chest Fund) u l-Cancer Research & Development ta' dan il-pajjiż. Din hi kollaborazzjoni li jeħtieġ li tkun inkoraġġuta sabiex jibbenefikaw minnha ż-żewġ pajjiżi.

Mas-Slovenja wkoll għandna ftehim li jirrigwarda l-kriminalità organizzata, li permezz tiegħu ż-żewġ pajjiżi jkunu jistgħu jikkollaboraw flimkien bla ebda xkiel burokratiku. Dan ukoll għandu jiġi mħares sabiex jitwettaq f'kull okkażjoni li tinqala'.

Fil-kamp edukattiv inħoss li Malta għandha ħafna x'toffri. Naħseb li wasal iż-żmien li mhux aħna nibqgħu nħarsu lejn xi barrani għat-tmexxija edukattiva, iżda li l-Maltin jibdew jieħdu l-inizjattiva li joffri tagħlim f'diversi oqsma lill-pajjiżi oħra.

Konklużjoni

Nittama li nkun ta' pont li permezz tiegħu l-ħsibijiet li esprimejt ikunu jistgħu jissaħħu jew iseħħu b'mod aħjar milli qegħdin fil-preżent.

**3. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konflinġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

Le, m'għandi ebda interess professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konflinġenti ma' din il-kariga.

**4. Jekk jogħġbok agħmel elenku [jekk huwa dejjem il-każ], tad-directorships li għandek attwalment, kif ukoll sħubija f'assoċjazzjonijiet varji.**

M'għandi ebda *directorship*.
Għandi sħubija fil-Partit Laburista.
Naħdem ħafna b'mod volontarju fil-parroċċa (organizzazzjoni f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi u soċjali, kif ukoll Editur tal-*magazine* tal-festa tal-parroċċa).

**5. Tikkonferma li inti għandek biss passaport wieħed u huwa dak Malti?**

Nikkonferma li għandi biss passaport wieħed li hu dak Malti.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Tenut kont tal-fatt li pajjiżna m'għandux ambaxxatur residenti fil-Kroazja u s-Slovenja, xi pjani għandek għaż-żmien li ġej jekk tiġi maħtur minn dan il-Kumitat?**

Malta hi pajjiż żgħir u limitat fir-riżorsi, bl-unika riżorsa li għandha tkun il-ħaddiem, tal-id u tal-moħħ, għaldaqstant il-bżonn li wieħed jistudja sew il-valuri tal-poplu tagħna u jagħmel użu sew minnhom.

Il-poplu Malti hu poplu intelliġenti, anke dawk li sal-lum għadna nsibu, hekk imsejħin, bla skola. Ħafna ta' età matura mhux bilfors li kellhom l-opportunità li jistudjaw, iżda fil-maġġoranza tiskanta bl-intelliġenza li jkollhom. Din tidher l-aktar fil-kapaċità tal-hekk imsejħa SMEs (Small & Medium Enterprises) li pajjiżna għandu numru mhux ħażin minnhom. Nixtieq li nkun kapaċi li ngħin kemm jista' jkun lil dawn il-kummerċjanti żgħar sabiex jiffjorixxu l-kummerċ ma' dawn il-pajjiżi li għadhom qed jiftħu s-swieq tagħhom għall-kummerċ barrani.

**It-Turiżmu** wkoll għandu bżonn ta' swieq ġodda, u ma' dawn il-pajjizi, jekk mhux għall-baħar u x-xemx, Malta tista' toffri kultura u postijiet ta' ġmiel preistoriku li ftit hawn bħalu fid-dinja.

**L-Edukazzjoni**: Kelli x-xorti li nattendi kemm-il kors barra minn Malta, kemm qosra kif ukoll twal fiż-żmien, u dejjem innutajt kif aħna l-Maltin għandna edukazzjoni għolja. Tmur fejn tmur fid-dinja ssib Maltin f'pożizzjonijiet avvanzati li jġibu l-għira ta' bosta. Nistgħu nkunu ta' għajnuna kbira f'dan il-qasam li bħal fl-iskejjel tal-Ingliż, jista' jħalli dħul sostanzjali fl-ekonomija tagħna. Dan jingħad ukoll għat-teknoloġija tal-informatika li fiha Malta tinsab sew 'il quddiem.

**Relazzjonijiet Bilaterali**: Għalkemm ir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi huma tajbin, dejjem wieħed isib fiex jista' javvanza, bħal pereżempju ftehim dwar ħaddiema sabiex nissodisfaw il-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol tagħna, kemm fl-oqsma tal-mediċina u l-isptarijiet, ħaddiema tal-id, kif ukoll f'bosta oqsma oħra.

Ninnota li f'dan ix-xogħol wieħed irid dejjem iżomm għajnejh miftuħa għal kull opportunità li tinqala' u filwaqt li titgħallem, tmexxi 'l quddiem dak kollu li jista' jkun ta' ġid għal pajjiżna.

**2. In vista tal-fatt li pajjiżna għandu preżentement quddiemu l-isfidi marbuta mal-immigrazzjoni irregolari u dawn il-membri għandhom il-pożizzjonijiet partikolari tagħhom, x'taħseb li għandu jsir biex ikun hemm qbil u kollaborazzjoni ikbar?**

Ir-risposta tiegħi għal din il-mistoqsija hija l-ewwel u qabel kollox – djalogu. Li wieħed jiddjaloga u jsib soluzzjoni, ma narax isbaħ minn hekk. Imma kulħadd jista' jitgħallem mill-esperjenza ta' ħaddieħor. Dawn il-pajjiżi għandhom l-esperjenzi tagħhom tal-immigrazzjoni irregolari.

Meta l-Ungerija għalqet il-fruntieri tagħha, il-Kroazja kellha influss qawwi ta' immigranti li mill-Libja qasmu sal-Greċja u wara għall-Maċedonja u s-Serbja. Uħud minn dawn, meta ma sabux dak li kienu qed jistennew, imxew lejn is-Slovenja. Kien hemm żmien (u għadha ma nstabitx soluzzjoni) meta s-Slovenja riedet tibni ħajt matul il-fruntiera mal-Kroazja. Dawn il-kwantità ta' immigranti ħolqu problemi kbar f'dawn il-pajjiżi speċjalment minħabba li m'hemmx xogħol u akkomodazzjoni għal kulħadd.

Jien tal-fehma li bid-djalogu, kemm bejn il-pajjiżi individwali u ferm iżjed bil-għajnuna u l-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, din il-problema tal-immigranti irregolari tista' tissolva. Fuq kollox, kemm Malta kif ukoll il-Kroazja u anke s-Slovenja, aħna membri ta' din l-istituzzjoni.

Minħabba l-fatt li f'dawn iż-żewġ pajjiżi hemm ukoll immigrazzjoni mis-Sirja, l-involviment tal-Ġnuz Magħquda hija importanti ħafna biex jissolvew ċertu sitwazzjonijiet.

Grazzi.

---